

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2018 – Hästens Sängar vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' disinn tal-kwadri)**(Kawża T-658/18)**

(2019/C 25/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Hästens Sängar AB (Köping, l-Isvezja) (rappreżentanti: M. Johansson u R. Wessman, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' trade mark figurattiva bil-kuluri blu u abjad (Rappreżentazzjoni ta' disinn tal-kwadri) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 340 047

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Awwissu 2018 fil-Każ R 442/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 94 u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba li l-Bord tal-Appell ma għamilx eżaminazzjoni xierqa, u/jew naqas milli jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu dwar prodotti u servizzi varji li saret applikazzjoni għalihom;
- Ksur tal-Artikolu 94, l-Artikolu 95 u l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba li s-suġġett tat-trade mark ma huwiex disinn ripetut jew trade mark tridimensjonali;
- Evalwazzjoni żbaljata tal-interess pubbliku rilevanti sottostanti li tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi l-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni mhux korretta dwar il-karattru distintiv inerenti.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2018 – Securitec vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-661/18)**

(2019/C 25/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Securitec (Livange, il-Lussemburgu) (rappreżentant: P. Peuvrel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors għal annullament formalment ammissibbli;
- sostantivament, tiddikjara ġġustifikat ir-rikors għal annullament;
- għalhekk, tannulla d-deċiżjoni ta' każha kkontestata tas-7 ta' Settembru 2018;
- tannulla wkoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2018;
- tagħmel kull tali ordni sussegwenti skont kif neċċessarju;
- tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż u ħlasijiet oħra sostnuti fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jivvizzja, minn naħa, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2018 li tiċħad l-offerta sottomessa mir-rikorreni taħt is-sejħa għal offerta Nru HR/R1/PR/2017/059 intitolata "Manutenzjoni tal-installazzjonijiet ta' sigurtà fil-binjiet okkupati u/jew immaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Belġju u fil-Lussemburgu" (ĠU 2018/S 209-476275) u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni tas-17 ta' Settembru 2018 li tirrifjuta li tagħti lir-rikorreni l-preċiżjonijiet li hija talbet dwar l-imsemmija sejħa għal offerti. Fil-fatt, id-deċiżjoni li tiġi miċħuda s-sejħa għal offerti sottomessa mir-rikorreni sempliċement tafferma li l-offerta ma kinitx tipproponi l-orħos prezz, filwaqt li l-kriterju tal-prezz ma kienx l-unika kriterju previst mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. In-nuqqas ta' motivazzjoni huwa ekwivalenti għal nuqqas ta' motivazzjoni, u dan għandu jiġi ssanzjonat bl-annullament tad-deċiżjoni.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, ir-rikorreni tqis li l-kriterju tal-orħos prezz ma kienx l-unika kriterju li ttieħed inkunsiderazzjoni u li, barra minn hekk, l-offerta magħżula kellha tkun regolari u konformi. Skont ir-rikorreni, l-awtorità kontraenti ma kellhiex iċ-ċertifikazzjoni NEDAP li madankollu kien rekwiżit impost mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Għaldaqstant, l-għoti tal-kuntratt lil din il-kumpannija kien illegali, u d-deċiżjonijiet ikkontestati għandhom jiġu annullati.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, li jivvizzjaw id-deċiżjonijiet ikkontestati, fid-dawl b'mod partikolari tar-rekwiżit sproporzjonat ta' dħul mill-bejgħ minimu ta' EUR 900 000 għall-impriżi li għamlu offerta għal-Lott Nru 4 fil-Lussemburgu, u tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tirrispondi għad-domani magħmula fl-ittra tar-rikorreni tat-28 ta' Ġunju 2018.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2018 – Nissin Foods Holdings vs EUIPO – The GB Foods (Soba JAPANESE FRIED NOODLES)

(Kawża T-663/18)

(2019/C 25/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Nissin Foods Holdings Co. Ltd (Osaka, il-Ġappun) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, G. Messenger, Barrister, K. Gilbert u G. Lodge, Solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)